MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Numru. 345/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARTIN SAMMUT**

**KONTRA**

**AMOR BEN TAHAR JABALLAH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Amor Ben Tahar Jaballah, iben Tahar u Zineb, imwieled fl-14 ta’ Novembru, 1977 it-Tunezija, residenti fil-fond imsejjah ‘Taormina’, Flat 1, Triq it-Torri, Sliema, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 26951A

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-8 ta' Lulju, 2003, f'xi hin bejn 06.45hrs u 07.15hrs, gewwa Triq Birkirkara, kantuniera ma' Triq Sliema, San Gwann:
1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, waqt li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABD 105 tal-ghamla Austin Mini, ikkaguna feriti ta' natura gravissima fuq il-persuna ta' Marco Fenech, u dan bi ksur tal-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammmissjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Issib lill-imsemmi imputat Amor Ben Tahar Jaballah hati, u ghaldaqstant tikkundannah ghal multa ta' Lm300.00 (tlitt mitt lira maltin), pagabbli fi zmien ghaxar (10) xhur, f'pagamenti ta' Lm30.00 (tletin lira maltin) fix-xahar, ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------